

Brussell, 18 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14920/25
COR 2

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0233 (NLE)**

**JUSTCIV 174
CONSOM 248
MARE 41
COMER 150
RELEX 1400**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti") - Ftehim fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Fid-dokument 14920/25 INIT, fil-paġna 1, il-paragrafu 1 għandu jaqra kif ġej:

- "1. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti"). Il-Kummissjoni mbagħad ippreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' din il-Konvenzjoni, li ġiet adottata fil-21 ta' Diċembru 2023¹."

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/414 tal-21 ta' Diċembru 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022, ĠU L, 2024/414, 29.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/414/oj>

Fil-paġna 2, il-paragrafu 5 għandu jaqra kif ġej:

"5. It-test tal-Konvenzjoni huwa disponibbli bil-lingwi kollha fid-dokumenti 15716/23 u 15716/1/23 REV 1, skont il-lingwa."

Fil-paġna 2, il-paragrafu 6 għandu jaqra kif ġej:

"6. Għaldaqstant, huwa rrakkomandat li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill:

- a) jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni u d-dikjarazzjoni tal-kompetenzi rilevanti meħmuża, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti (14882/25 + ADD 1);
- b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni, li miegħu hija meħmuża l-Konvenzjoni, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu. "
